

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 1-4 ta' Mejju 2007

**li tħassar il-projbizzjonijiet dwar il-moviment ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali fuq il-gżira ta' Ċipru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-moviment ta' dawn il-prodotti**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1911)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/330/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv, jistgħu jitneħħew il-projbizzjonijiet għall-ħut frisk u l-għasel.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni <sup>(1)</sup> u b' mod partikolari l-Artikolu 4(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Sakemm isseħħ ir-rijunifikazzjoni ta' Ċipru, l-Artikolu 1(1) tal-Protokoll 10 ta' l-Att ta' Adeżjoni jissospendi l-applikazzjoni ta' l-acquis f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.
- (2) Minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, ir-Regolament (KE) Nru 866/2004 jipprojbixxi l-moviment ta' prodotti ta' annimali minn naħa għal oħra tal-linja bejn dawn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv lejn iż-żoni li fihom jeżerċitah.
- (3) Bħala l-ewwel pass u minħabba l-produzzjoni f'żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta'

- (4) Jeħtieġ li jkun żgurat li s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali ma jkunux kompromessi mit-tneħħija tal-projbizzjonijiet. Jeħtieġ ukoll li tkun ggarantita s-sigurtà ta' l-ikel skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004 <sup>(2)</sup> li jstabbilixxi regoli speċifiċi dwar prodotti li ġejjin minn żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li ma jinsabux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern jeżerċita kontroll effettiv. Skond dan, il-kummerċ fil-prodotti kkonċernati għandhom ikunu suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma stipulati b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-projbizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (9) tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar il-moviment ta' prodotti li ġejjin mill-annimali minn naħa għal oħra tal-linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u ż-żoni li fihom jeżerċitah m'għandhomx aktar japplikaw fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali msemmija fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1283/2005 (ĠU L 203, 4.8.2005, p. 8).

<sup>(2)</sup> ĠU L 272, 20.8.2004, p. 3.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

*ANNEX I***Ħut Frisk**

A. Prodott li joriġina mill-Annimali u Ħut frisk

B. Kondizzjonijiet

1. Il-ħut frisk għandu jinħatt direttament minn bastimenti tas-sajd li fuqhom il-qabdiet għandhom jinżammu għal inqas minn 24 siegħa. Dawn il-bastimenti tas-sajd għandhom joperaw f'konformità mal-ħtiġijiet fl-Anness III, Sezżjoni VIII, Kapitoli I(L)(A) u II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali <sup>(1)</sup>.

Esperti indipendenti nominati mill-Kummissjoni jridu jispjegjonaw il-bastimenti u jibagħtu l-lista ta' bastimenti li jikkonformaw lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tikkomunika din il-lista lill-awtorità veterinarja kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru u tagħmilha disponibbli fuq il-websajt tagħha.

2. Kull konsenja ta' ħut frisk għandha tiġi akkumpanjata minn dokument maħruġ skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1480/2004. Dan id-dokument irid jinħareġ mill-Kamra tal-Kummerċ Torka-Ċiprijotta, awtorizzat kif xieraq għal dan il-għan mill-Kummissjoni fi ftehim mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, jew minn xi korp ieħor awtorizzat b'dan il-mod fi ftehim ma' dan ta' l-aħħar. Dan id-dokument irid jinħareġ skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli (5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 u jrid jiddikjara li l-ħut jinħatt direttament mid-dgħajjes tas-sajd li qegħdin fil-lista ta' dgħajjes konformi msemmija fil-punt 1, li se tiġi pprovduta kif xieraq.
3. Il-Ħut frisk għandu jkun intiż għall-ħwienet, ristoranti jew bejgħ dirett lill-konsumatur.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

## ANNEX II

**Għasel maħsub għall-konsum mill-bniedem**

A. Prodott li joriġina mill-Annimali: Għasel għall-konsum mill-bniedem

B. Kondizzjonijiet

1. L-għasel irid jiġi prodott kollu kemm hu mill-produtturi li huma residenti f' dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.
2. L-għasel jista' jiġi ttrasportat jew:
  - (a) bl-ingrossa; jew
  - (b) ippakkjat f'kontenituri individwali xierqa għas-suq b'mezz li huwa mgħammar għal dan il-għan skond l-Anness I, Parti A, II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel<sup>(1)</sup>.
3. Kull konsenja ta' għasel għandha tkun akkumpanjata minn dokument maħruġ skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1480/2004. Dan id-dokument għandu jinħareġ mill-Kamra tal-Kummerċ Torka-Ċiprijotta, awtorizzata kif xieraq għal dan il-għan mill-Kummissjoni fi ftehim mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, jew xi korp ieħor hekk awtorizzat fi ftehim ma' dan ta' l-aħħar. Dan id-dokument irid jinħareġ skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 u jrid jistqarr li l-għasel jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1.
4. Qabel ma l-kummerċ fl-għasel jista' jibda 10 kampjuni ta' għasel iridu jittieħdu mill-katina tal-produzzjoni minn esperti indipendenti nominati mill-Kummissjoni u jiġu analizzati u r-riżultati ta' l-analiżi jintbagħtu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tikkomunika r-riżultati ta' l-analiżi lill-awtorità veterinarja kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru u tagħmilhom disponibbli fuq il-websajt tagħha.

L-analiżi trid issir f'laboratorju approvat kif definit fl-Artikolu 2(f) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 li tistabbilixxi l-miżuri biex isir monitoraġġ fuq ċerti sustanzi u residwi tagħhom fl-annimali ħajjin u prodotti ta' annimali u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE<sup>(2)</sup>. It-tqassim tal-kampjuni jrid isir kif ġej:

  - (a) sitta mill-kampjuni għall-ittestjar ta' l-Antibijotiċi (grupp B1) u Carbamaets u pyreroids (grupp B2 sustanza Antiparasstita);
  - (b) erba' mill-kampjuni għall-ittestjar tal-Pestiċidi (grupp B3a għall-Organochlorines, grupp B3b għall-organophosphorus) u metalli li jissejħu tqal (grupp B3c).
5. It-tehdid ta' kampjuni u l-analiżi msemmija fil-punt 4 għandhom jiġu ripetuti kull sena.
6. L-għasel li jgħaddi minn post għal ieħor skond din id-Deċiżjoni għandu jkun suġġett għall-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 li għandhom x'jaqsmu ma' l-għasel<sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004.

<sup>(2)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.